

Is-sitt aggravju: Żball ta' liġi meta ddeċidiet li "fid-dawl tal-Artikolu 60(2) u tal-Artikolu 62(4)(d) tar-Regolament Nru 1907/2006, għandu jiġi konkużż li hija biss id-data li tirrigwarda l-proprietajiet intrinsiċi ta' sustanza li ġiet inkluża fl-Anness IV tar-Regolament Nru 1907/2006 li hija rilevanti għall-istima tar-riskji, imsemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 60(4) tar-Regolament Nru 1907/2006."

Is-seba' aggravju: Żball ta' liġi fl-interpretażżjoni tal-Qorti Ġeneral tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

- 
- (<sup>1</sup>) Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Access għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Access għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13).
- (<sup>2</sup>) Substance of very high concern, sustanza sustanza ta' tħassib serju ħafna.
- (<sup>3</sup>) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU 2011, L 44, p. 2, rettiffika fil-ĠU 2011, L 49, p. 52).
- 

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2019 minn Qualcomm, Inc., Qualcomm Europe, Inc. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) fid-9 ta' April 2019 fil-Kawża T-371/17, Qualcomm and Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-466/19 P)**

(2019/C 263/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Qualcomm, Inc., Qualcomm Europe, Inc. (rappresentanti: M. Pinto de Lemos Fermiano Rato, advogado, M. Davilla, dikigoros)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitkolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġgobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 2258 finali tal-31 ta' Marzu 2017 dwar il-proċedura skont l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (<sup>1</sup>) fil-Każ AT.39711 — Qualcomm (Predation) (id-“Deċiżjoni”);
- alternativament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex din tagħti deċiżjoni konformement mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u quddiem il-Qorti Ġeneral.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju: il-Qorti Ġeneral naqset milli tindirizza l-argumenti mqajjma mir-rikorrent.

It-tieni aggravju: il-konkużżjoni li d-deċiżjoni kienet immotivata adegwatamente hija bbażata fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' dritt u hija milquta minn nuqqas ta' motivazzjoni.

It-tielet aggravju: il-konkużżjoni li l-informazzjoni rikuesta mid-deċiżjoni kienet neċċessarja hija bbażata fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' dritt, żnaturament tal-provi, nuqqas ta' motivazzjoni, u nuqqas li jiġu evalwati il-provi rilevanti kollha.

Ir-raba' aggravju: il-konklużjoni li l-informazzjoni rikjestha mid-deċiżjoni kienet proporzjonata hija bbażata fuq żbalji manifesti ta' fatt, żnaturament tal-provi, u nuqqas ta' motivazzjoni.

Il-ħames aggravju: il-Qorti Ġeneral applikat b'mod żbaljat ir-regoli dwar l-oneru tal-prova inkkonessjoni mal-allegat ksur tal-Artikolu 102 TFEU.

Is-sitt aggravju: il-Qorti Ġeneral waslet għal konklużjonijiet li jiksru id-dritt li tiġi evitata l-awtoinkriminazzjoni.

---

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 8, Vol. 2, p. 205).

---